MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 754/2000/1

**Tony Zarb u James Pearsall, Segretarju Generali
u President tal-General Workers' Union
in rappresentanza taghha**

**v.**

**L-Awtorita` tax-Xandir**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Gunju 2005 li permezz taghha sabet li kien hemm lezjoni tad-dritt fondamentali tal-Union rikorrenti (il-parti appellata f’dana l-istadju) kif protett bl-Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u 10 tal-Konvenzjoni Ewropea meta l-Awtorita` tax-Xandir ipprojbit milli “jixxandar fuq it-televizjoni l-avviz…mahrug mill-Union rikorrenti…”; dik il-Qorti ddikjarat li tali dikjarazzjoni kienet rimedju adegwat sabiex id-dritt fondamentali ta’ liberta` ta’ espressjoni “ma jibqax jigi mfixkel mill-Awtorita` tax-Xandir”, u kkundannat lill-imsemmija Awtorita` thallas l-ispejjez kollha tal-kawza. It-talba tar-rikorrenti fir-rikors promotorju, prezentat quddiem il-Prim Awla fit-28 ta’ Awissu 2000, kienet li dik il-Qorti “tiddikjara li l-projbizzjoni tal-Awtorita` tax-Xandir li jixxandar fuq it-televizjoni l-avviz [fuq imsemmi], mahrug mill-General Workers’ Union, hija bi ksur tad-dritt fondamentali tal-liberta` ta’ espressjoni, imhares fl-Artikolu 42 [recte 41] tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u taghti r-rimedji xierqa halli l-imsemmi dritt fondamentali ma jibqax jigi mfixkel mill-Awtorita` tax-Xandir” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Il-bazi kollha – u l-unika bazi – tal-lanjanza tal-Union rikorrenti, kif migjuba fir-rikors promotorju, (ara l-paragrafu numru 3 tar-rikors) hi “Illi l-projbizzjoni tal-Awtorita` tax-Xandir ma hijiex ragjonevolment gustifikabbli f’socjeta` demokratika u lanqas mehtiega f’socjeta` demokratika” (mill-gdid, sottolinear ta’ din il-Qorti).

**2.** Il-kaz ghalhekk jirrigwarda l-Artikolu 41[1] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Il-fatti huma brevement is-segwenti. Il-GWU riedet ixxandar dak li hija, fir-rikors promotorju, issejjahlu “avviz” bi hlas fuq certi stazzjonijiet tat-televizjoni. Dan l-“avviz” kien jghid hekk: **“Din x’Gustizzja hi? Min ixxamplat u min ikollu jgorr**

[1] Ghalkemm fir-rikors promotorju, fit-talba hemm referenza ghall-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, hu evidenti li dan hu semplici *lapsus calami* anke peress li fil-paragrafu 2 tal-imsemmi rikors jinghad testwalment hekk: *“Illi bil-projbizzjoni taghha l-Awtorita` tax-Xandir qeghda tilledi d-dritt fondamentali tal-General Workers’ Union u l-membri taghha tat-tgawdija tal-liberta` tal-espressjoni, u li jikkomunikaw l-idejat minghajr tfixkil u ndhil, liema dritt huwa mhares fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea…”* Imkien fil-korp tar-rikors ma hemm xi lanjanza dwar ksur tad-dritt tal-liberta` ta’ ghaqda u assocjazzjoni, li ghalih jirreferi l-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni.

**il-pizijiet [tista' tghid] kollha. Min jistaghna u min ikollu jithabat biex izomm il-livell tal-ghajxien li rebah. Facli hafna ddur fuq il-haddiema bil-paga u fuq il-pensjonanti biex tigbor kemm tista' minn fuqhom. [Bnejna socjeta` li fiha nghinu lil dawk minna li jifilhu l-anqas.] Ghaliex ghandna nregghu l-arlogg lura? Din Gustizzja? Int ukoll tista' taghti sehmek [biex immorru 'l quddiem flok lura]."** [2]. B'zewg ittri datati 17 ta' Awissu 2000 u 23 ta' Awissu 2000 (ara fol. 53 u 54), l-ewwel wahda indirizzata lil Smash Communications Limited u t-tieni wahda lil One Productions Limited, l-Awtorita` tax-Xandir ordnat li x-xandir ta' dawn l-avvizi jieqaf u ccitat in sostenn ta' dan il-partita (jew paragrafu) 1(f)[3] tat-Tielet Skeda tal-Att dwar ix-Xandir (Kap. 350) kif ukoll l-Artikolu 13(4)[4] ta' l-istess Att.

## Is-sentenza appellata

**3.** Il-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi kif effettivament iddecidiet, huma s-segwenti:

"Fir-rikors promotur taghha l-General Workers' Union tippremetti li l-Awtorita` tax-Xandir intimata, ai termini tal-paragrafu 1(f) tat-Tielet Skeda ta' l-Att dwar ix-Xandir 1991, ipprojbiet milli jixxandar fuq it-televizjoni, avviz mahrug mill-istess Union rikorrenti. Dan l-avviz kien jghid –

*"Din x'gustizzja hi? Min ixxamplat u min ikollu jgorr il-pizijiet tista' tghid kollha. Min jistana u min ikollu jithabat*

[2] Ara fol. 15 u 56. Il-kliem fil-qwies ma jidhrux fil-versjoni ezibita mix-xhud Dott. Kevin Aquilina fl-udjenza tal-11 ta' April 2003 (fol. 56) izda jidhru fil-versjoni ezibita minn Dott. Karmenu Mifsud Bonnici ghar-rikorrenti GWU fl-udjenza tal-11 ta' Settembru 2000 (fol. 15). Il-partijiet, pero`, f'ebda stadju ma sollevaw xi kwistjoni, ta' fatt jew ta' dritt, ibbazat fuq din il-divergenza.

[3] 1(f): "Ir-reklamar u t-*teleshopping* m'ghandhomx…hlief kif awtorizzat skond skema ta' xandiriet politici approvata mill-Awtorita`, u kemm jekk ikunu gew imxandra bi hlas jew ghal xi korrispettiv simili kemm xort'ohra, ikunu ta' xorta politika."

[4] 13(4): "Ikun ukoll id-dmir ta' l-Awtorita` li, minn zmien ghal zmien, torganizza skemi ta' xandiriet politici (maghdudin *spots* politici) li jkunu jiddistribwixxu b'mod gust il-facilitajiet u z-zmien bejn il-partiti politici diversi rappresentati fil-Parlament; li tipproduci diskussjonijiet jew dibattiti li jkunu bilancjati b'mod gust li jaghtu opportunita` ta' smigh ta' persuni minn gruppi b'interessi partikolari li jkunu differenti u b'punti di vista differenti, kif ukoll li tipproduci kummentarji jew programmi ohra dwar materji li ghandhom x'jaqsmu ma' *policy* pubblika kurrenti, li fihom min ikun qieghed jiehu sehem jista' jxandar veduti u kummenti differenti."

*biex izomm il-livell ta' l-ghixien li rebah. Facli hafna ddur fuq il-haddiema bil-paga u fuq il-pensjonanti biex tigbor kemm tista' minn fuqhom. Bnejna socjeta` li fiha nghinu lill-dawk minnha li jifilhu l-inqas. Ghaliex ghandna nregghu l-arlogg lura? Din Gustizzja? Int ukoll tista' taghti sehmek biex immorru l-quddiem flok lura."*

"Il-Union rikorrenti ssostni li b'din il-projbizzjoni tal-Awtorita` intimata gew lesi d-drittijiet fondamentali taghha u tal-membri taghha, rigwardanti t-tgawdija tal-liberta` ta' l-espressjoni, u li jikkomunikaw l-ideat minghajr tfixkil u indhil;

"Dawn id-drittijiet huma sanciti u salvagwardati fl-artikolu 42 (recte 41) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-Union rikorrenti inoltre tippremetti li din il-projbizzjoni mhux ragjonevolment gustifikabbli f'socjeta` demokratika u lanqas ma hi mehtiega;

"Ghalhekk il-Union rikorrenti qed titlob li jigi dikjarat li l-imsemmija projbizzjoni tikser l-imsemmi dritt fondamentali tal-liberta` ta' l-espressjoni skond l-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u li jinghataw ir-rimedji kollha xierqa;

"Dwar ir-risposta tal-Awtorita` intimata ghandu jinghad, fl-ewwel lok, li fil-kors tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2000, l-istess Awtorita` intimata rtirat l-eccezzjoni preliminari taghha rigwardanti n-nullita` tar-rikors promotur. Ghalhekk jifdal li l-Awtorita` intimata qed tissottometti li ma taqbilx mal-allegazzjonijiet tal-Union rikorrenti, filwaqt li taqbel li d-disposizzjoni in kwestjoni hi necessarja u gustifikata f'socjeta` demokratika. Il-Union rikorrenti setghet, skond l-artikolu 13(4) tal-Att dwar ix-Xandir, talbet li tigi organizzata skema ta' xandiriet politici fejn l-istess Union setghet inghatat lehen, minflok il-Union rikorrenti ghazlet li tipprocedi bil-presenti procedura. Skond l-Awtorita intimata l-paragrafu 1(f) ta' l-Att dwar ix-Xandir irid jigi moqri flimkien mad-disposizzjonjiet kontenuti fil-paragrafu

(f) tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 13 ta’ l-istess Att. Trid tinzamm imparzjalita` f’materja ta’ kontroversja politika jew industrijali, u s-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi kwistjonijiet ta’ kontroversia politika u industrijali jehtiegu li jkunu bilancjati halli kull parti jkollha l-opportunita’ li ssemma lehinha. Dak li qed titlob il-Union rikorrenti f’dawn il-proceduri appuntu jivvjola l-imsemmija disposizzjoni kostituzzjonali. F’pajjiz demokratiku m’ghandux ikun hemm zbilanc dwar kwistjoni ta’ kontroversja politika u industrijali;

“Il-Union rikorrenti ddikjarat li din l-azzjoni taghha hi limitata ghar-rigward tad-decizjoni tal-Awtorita` intimata tas-17 ta’ Awissu 2000. F’din id-decizjoni l-Awtorita` intimata ddikjarat li skond il-paragafu 1(1) tat-Tielet Skeda tal-Att dwar ix-Xandir tal-1991 “advertising shall not be of a political nature.” Id-decizjoni tkompli li – “In terms of Section 13(4) of the Broadcasting Act 1991 it is only the Broadcasting Authority which may organize a scheme of political broadcasts. The text of the advert faxed is political in nature and, in terms of the two aforesaid provisions, cannot be broadcast.” Din id-decizjoni hi ffirmata mill-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` intimata;

“Skond l-istess Kap Esekuttiv tal-Awtorita` intimata wiehed ma jistax jaqbad u jghamel avviz politiku fuq il-mezzi tax-xandir. Sabiex isir avviz politiku hu necessarju li l-Awtorita` intimata torganizza skeda, li tista tapplika ukoll ghall-Unions bhal ma hi il-Union rikorrenti. Ghalhekk jekk il-Union rikorrenti riedet tghamel avviz ta’ natura poltika kellha semplicement titlob li ssir skeda u tidhol f’tali skeda. Dana kollu in vista tal-kontenut politiku tal-avviz;

“Dejjem skond il-Kap Esekuttiv tal-Awtorita` intimata, l-istess Awtorita` tikkonsidra li jekk isiru kummenti, favur jew kontra, dwar l-operat tal-Gvern, dawn ghandhom jitqiesu li huma ta’ natura politika. Meta l-Awtorita` intimata hadet din id-decizjoni kkunsidrat ukoll ir-responsabiltajiet taghha naxxenti mill-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u cioe` illi l-Awtorita` tax-Xandir trid thares li ma jkunx hemm zbilanc fix-xandir, li jista' jkun ta' natura politika, industrijali, jew ta' “current public policy.” Fl-avviz

kien hemm zbilanc ta' natura politika peress illi kien hemm parti li qed tghid dak li ghandha tghid filwaqt li l-parti l-ohra ma kellhiex ic-cans li tirribatti. Il-parti l-ohra ghar-rigward ta' dan l-avviz huwa l-Gvern u jista jkun ukoll l-Employers' Association. Peress li dan l-avviz kien bi hlas, mhux gust li l-partijiet l-ohra koncernati jirribattu ukoll bi hlas. L-Awtorita` intimata ma tistax iggieghel li jixxandar kontro-avviz b'xejn. L-avviz kien qed jixxandar fl-isfond ta' kontroversja bejn il-Union rikorrenti u l-Gvern ghar-rigward tal-mizuri li ttiehdu fl-ahhar budget;

“Fl-opinjoni tal-Qorti ma hemmx dubju li t-test tal-avviz in kwestjoni hu ta’ natura politika. Difatti l-avviz jghamel referenza ghal gustizzja socjali u f’dan ir-rigward jindika li hemm uhud li huma komdi filwaqt li ohrajn iridu jerfghu l-oneru kollu wahedhom. Hemm minn ikompli jaqla l-flus u minn irid jissilet biex izomm il-livell tal-ghixin li ghandu. Fl-avviz hemm riflessjoni dwar dak li ghamel il-Gvern tal-gurnata u f’dan ir-rigward jinghad li hu facli hafna li wiehed jattakka l-haddiema bil-paga u l-pensjonanti. Maz-zmien inbniet socjeta` fejn tinghata l-ghinuna lill-dawk li jifilhu l-inqas. L-avviz jistaqsi ghala ghandna mmorru lura u mhux il-quddiem;

“Jirrizulta ukoll li l-imsemmi avviz, wara li gie mxandar ftit drabi minn zewg stazzjonijiet privati televisivi, gie mizmum milli jixxandar mill-Awtorita` intimata. Ma jidhirx li hu ragjonevoli li sabiex wiehed jghamel avviz politiku fuq il-mezzi tax-xandir wiehed ghandu l-ewwel jitolb li l-Awtorita` tax-Xandir torganizza skeda ta’ programmi politici. In effett l-Awtorita intimata tista dejjem tirrifjuta li torganizza tali skema. Jista jkun li l-Awtorita` intimata ghandha l-obbligu li tassikura li jkun bilanc f’kwestjonijiet ta’ kontroversja ta' natura politika jew industrijali. Dan il-bilanc ma jistax jigi assikurat pero` billi jigi projbit ix-xandir ta’ avvizi bhal dak in kwestjoni. Wiehed ghandu id-dritt li jesprimi ruhu u li jghid dak kollu li ghandu xi jghid. Jekk hemm bilanc li ghandu jigi assikurat, ghandu jkun hemm regolamenti adegwati li jassikuraw tali bilanc anke jekk l-ewwel avviz isir bi hlas. Dawn ir-regolamenti ghandhom jipprovdu l-mezz kif l-avviz jista jigi ribattut;

“Hu sinjifikattiv li jirrizulta li dwar l-avviz in kwestjoni ma kienx hemm ilmenti la min-naha tal-Gvern, la min-naha ta' partiti politici u lanqas min-naha ta' l-Employers' Association;

“Wiehed jistaqsi jekk ghadx ghandhom sinjifikat il-ligijiet li gew ikkwotati mill-Awtorita` intimata meta illum ix-xandir gie liberalizzat u, b’mod partikolari, meta llum il-partiti politici ewlenin ghandhom stazzjonijiet taghhom, kemm tat-televisjoni kif ukoll tar-radio. Ghalhekk il-partiti politici jtellghu l-programm ta' l-ahbarijiet taghhom, u m’hemmx dubju li dawn ikollhom il-kontenut politiku taghhom. Jista’ jkun li l-mezzi tax-Xandir tal-partiti politici jibbilancjaw lilhom infishom;

“Lanqas ma hu ragjonevoli li l-Awtorita` intimata oggezzjonat peress li l-avviz kien qed jittella mill-Union rikorrenti, mentri ma kienitx toggezzjona jekk l-avviz kien ta’ partit politiku. Ghalhekk kieku dan l-avviz gie prodott minn xi partit politiku dana kien jixxandar u ma kienx ikun hemm oggezzjoni min-naha ta' l-Awtorita` tax-Xandir. Lanqas ma jidher li hu ragonevoli li l-Awtorita` intimata tista' zzomm riklam jekk jidhrilha li jkun ta' natura politika, pero` ma zzommx programmi ta' diversi sighat b’hafna kontenut politiku;

“L-artikoli rilevanti ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri huma l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Is-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu 41 jipprovdi li hadd ma ghandu jigi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta` tieghu ta’ espressjoni, inkluz il-liberta` li wiehed jkollu fehmiet minghajr indhil, il-liberta` li jircievi idejiet u tgharif minghajr indhil. Is-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu tal-Kostituzzjoni jipprovdi li xejn maghmul skond xi ligi ma jista jitqies li hu inkonsistenti mas-subartikolu (1) safejn il-ligi in kwestjoni tipprovdi ghal dak li hu mehtieg ragonevolment fl-interess pubbliku jew sabiex jigu protetti r-reputazzjonijiet u drittijiet ta’ persuni ohra jew safejn dak li jsir taht l-Awtorita` tal-ligi ma jkunx ragonevolment gustifikabbli f’socjeta` demokratika;

“L-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta ta’ espresjoni, liema dritt jinkludi dak li wiehed ikollu opinjonijiet u li jircievi u jghati informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-Awtorita` pubblika. Dan id-dritt jista jkun suggett ghal xi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet kif provdut f’xi ligi u kif mehtieg f’socjeta demokratika;

“Sostanzjalment l-imsemmija zewg artikoli ampjament jittutelaw dan id-dritt fundamental tal-liberta` tal-espressjoni. Dan id-dritt jinkludi d-dritt li wiehed ikollu opinjoni u li jaghti informazzjoni dwar dik l-opinjoni tieghu minghajr ma jkun hemm indhil mill-awtorita` pubblika;

“Ghalhekk hadd ma ghandu jigi mfixkel fit-tgawdija ta’ dan id-dritt fundamentali. Hu minnu li dan id-dritt jista jkun suggett ghal xi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet kif provdut f’xi ligi pero` dana skond dak li hu ragjonevoli u skond kif mehtieg f’socjeta` demokratika;

“In vista ta’ dawn il-provedimenti l-Union rikorrenti ghandha jkollha l-liberta li tesprimi l-opinjonijiet taghha anke jekk dawn l-opinjonijiet jikkontjenu element politiku. Ghalhekk ghandha ukoll id-dritt li tghamel avvizi bhal l-avviz in kwestjoni anke jekk ikun bi hlas. Ghandha ukoll id-dritt li tghati informazzjoni dwar l-opinjoni taghha u dana minghajr ma jkun hemm indhil mill-awtorita` pubblika. Il-Union rikorrenti ma tistax tigi mfixkla fit-tgawdija ta’ dan id-dritt fundamentali kif tidher li ghamlet l-Awtorita intimata. Jidher ukoll li l-Awtorita intimata ma kinitx ragjonevoli meta applikat il-ligijiet u regolamenti in kwestjoni sabiex ipprojbit ix-xandir tal-avviz in kwestjoni u lanqas ma jidher li dak li sar mill-istess Aworita intimata kien mehtieg f’socjeta demokratika;

“Ghalhekk l-Awtorita` intimata ma kienitx gustifikata li tipprojbixxi x-xandir tal-avviz in kwestjoni. L-avviz ma kien fih xejn irragonevoli jew li jaghmlu mhux gustifikabbli f’socjeta` demokratika. Fil-kaz *VGT Verein Gegen Tierfabriken vs Switzerland* deciz fit-28 ta’ Gunju 2001 il-Qorti Ewropea [recte. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-

Bniedem] rriteniet illi c-cahda li jixxandar riklam ta' assocjazzjoni jammonta ghal indhil minn awtorita` pubblika fl-ezercizzju tad-dritt fundamentali garantit bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea. F'din is-sentenza l-Qorti qalet li hu permissibli li jkun hemm projbizzjoni ta' reklamar politiku fis-segwenti kazijiet u cioe' "to protect public opinion from the pressures of powerful financial groups and from undue commercial influence; to provide for a certain equality of opportunity between the different forces of society; to ensure the independence of broadcasters in editorial matters from powerful sponsors and to support the press." Fl-opinjoni tal-Qorti l-fatti in esami f'dawn il-proceduri ma jinkwadrax ruhhu fl-ebda wiehed minn dawn l-imsemmija kazijiet. Kif gia gie rilevat sabiex wiehed jassikura li jkun hemm bilanc f'kontroversji politici jew industrijali ma hemmx ghalfejn li wiehed jasal biex jipprojbixxi x-xandir ta' avviz b'kontenut politiku u b'hekk ikun hemm lezjoni tad-dritt fondamentali in kwestjoni. Il-kuncett ta imparzjalita' mhux necessarjament marbut mal-kuncett li ghandhom jinghataw l-istess opportunitajiet lill-varji komponenti tas-socjeta;

"Jirrizulta li in effett l-Awtorita` intimata agixxiet skond il-ligijiet u regolamenti in vigore. L-agir ta' l-Awtorita` intimata ghalhekk kien konformi mal-ligijiet minnha citati. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, bhala rimedju hi bizzejjed id-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li d-decizjoni in kwestjoni tal-Awtorita intimata fil-konfront tal-Union rikorrenti dwar ix-xandir tal-avviz tmur kontra l-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kontra l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

"Ghal dawn il-motivi kollha:

"Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha kif sollevati mill-Awtorita` intimata u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet tal-Union rikorrenti u tiddikjara li l-projbizzjoni ta' l-Awtorita tax-Xandir li jixxandar fuq it-televizjoni l-avviz in kwestjoni mahrug mill-Union rikorrenti hija bi ksur tad-dritt fondamentali tal-liberta` ta' l-espressjoni, imhares fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u fl-Atikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-

Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, u tiddikjara li din id-dikjarazzjoni hi rimedju adegwat sabiex l-imsemmi dritt fondamentali ma jibqax jigi imfixkel mill-Awtorita` tax-Xandir;

“Spejjez kollha kontra l-Awtorita` intimata.”

**L-appell**

**4.** Minn din is-sentenza appellat l-Awtorita` intimata, u dan permezz ta’ rikors minnha ppresentat fit-8 ta’ Gunju 2005. L-appellanti ghandha bazikament zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu formulat hekk:

**“Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti stqarret illi ‘ma hemmx dubbju li t-test ta’ l-avviz in kwistjoni hu ta’ natura politika’ u minflok ghaddiet biex tiddikjara li l-paragrafu 1(f) tat-Tielet Skeda annessa ma’ l-Att dwar ix-Xandir moqri flimkien ma’ l-artikolu 13(4) ta’ l-istess Att huwa leziv ta’ l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea, ghaddiet biex sabet l-Awtorita` tax-Xandir hatja talli applikat iz-zewg disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar ix-Xandir – kif hija tenuta li taghmel – u, di piu`, addossat l-ispejjez kollha tal-kawza fuq l-Awtorita` tax-Xandir li mxiet fedelment u bir-reqqa kollha mad-dispost tal-ligi. Se mai li kieku l-ewwel Onorabbli Qorti riedet tkun konsistenti kellha ssib li l-Awtorita` tax-Xandir agixxiet entro t-termini ta’ l-Att dwar ix-Xandir izda kellha tghaddi biex tiddikjara l-paragrafu 1(f) u l-artikolu 13(4) ta’ l-istess Att lezivi tad-drittijiet tal-bniedem.”**

Isegwu, imbaghad, fir-rigward ta’ dana l-aggravju, diversi sottomissjonijiet li huma ripetizzjoni (ghall-anqas kwantu ghall-paragrafi (a) sa (m)) tan-nota responsiva ta’ l-Awtorita` presentata quddiem l-ewwel Qorti fit-3 ta’ Frar 2004[5]. L-Awtorita` appellanti tikkritika wkoll brani mis-sentenza appellata – ara l-paragrafu (n) – li hija bazikament tghid li ma jirriflettux korrettement il-ligi kif

[5] Fol. 88 sa 91.

ghandha tigi interpretata. Subordinatament, l-appellanti tressaq ukoll is-segwenti aggravju:

**"Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal kull buon fini jigi sottomess ukoll illi jekk din l-Onorabbli Qorti tasal ghall-fehma li d-disposizzjonijiet hawn fuq citati fil-paragrafu (d)[6] mhumiex konformi ma' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, din il-Qorti ghandha tikkonstata li l-Awtorita` tax-Xandir agixxiet fit-28 ta' Awissu 2000 qabel ma kienet inghatat is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-28 ta' Gunju 2001 u b'hekk l-Awtorita` mxiet konformement mas-sentenza tal-Qorti Federali Svizzera li ma rriskontrat ebda ksur tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti biex l-awtorita` ma tigix ikkundannat thallas xi danni jew spejjez tal-Union rikorrenti peress li d-dikjarazzjoni nnifisha li l-erba' artikoli in kwistjoni, jew uhud minnhom, imorru kontra l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ghandu jkun rimedju adegwat ghall-Union rikorrenti fic-cirkostanzi. Li jrid jigi pprecizat huwa li l-Awtorita` tax-Xandir agixxiet *intra vires* il-poteri lilha moghtija u jekk ghall-grazzja ta' l-argument xi disposizzjoni fuq elenkata tigi dikjarata li tikser il-Konvenzjoni Ewropea, u / jew il-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Awtorita` ma ghandiex tbati ebda konsegwenza pekunjarja fir-rigward in kwantu dawn il-ligijiet ma sarux minnha imma mill-Parlament u hi kullma ghamlet kienet li esegwithom kif huwa d-dritt u obbligu taghha li taghmel skond il-ligi.**

**5.** Fir-risposta taghha, il-Union appellata, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

<u>**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**</u>

[6] Cioe`, il-paragrafu 1(f) tat-Tielet Skeda tal-Att dwar ix-Xandir, l-Artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 13(2)(f) tal-Att dwar ix-Xandir u l-Artikolu 13(4) ta' l-istess Att.

**6.** Jibda biex jinghad li fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma dahlet f'ebda kontradizzjoni meta, wara li ghamlet l-osservazzjonijiet taghha dwar il-portata ta' certi disposizzjonijiet tal-ligi (fosthom l-Artikolu 13(4) tal-Kap. 350 u l-paragrafu 1(f) tat-Tielet Skeda ta' l-istess Kapitolu tal-Ligijiet), iddikjarat li "l-projbizzjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir li jixxandar fuq it-televizjoni l-avviz in kwistjoni mahrug mill-Union…" kienet – jigifieri dik il-projbizzjoni f'dan il-kaz partikolari – bi ksur tal-Artikoli 41 u 10 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament. Mhux biss ligi tista' tkun tilledi dritt fondamentali, izda anke xi "haga maghmula skond l-awtorita` ta' xi ligi", kif inhu evidenti kemm mid-dicitura tas-subartikolu (7) tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll mid-dicitura tas-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 41[7], u kif gie ritenut anke diversi drabi mill-Qrati taghna. Huwa veru li l-ewwel Qorti kellha s-setgha, minkejja li ma kien hemm ebda talba espressa f'dan is-sens – trattandosi hawn ta' materja ta' drittijiet fondamentali – li tiddikjara disposizzjoni tal-ligi bhala leziva ta' disposizzjoni li tissalvagwardja dritt fondamentali, pero`, dan ma ghamlitux u minflok illimitat ruhha biex tilqa' t-talba fit-termini limitati kif proposta (ara l-paragrafu numru **1** ta' din is-sentenza, *supra*). Ghalhekk ukoll, anqas ma hemm xejn "stramb", kif donnha qed tinsinwa l-Awtorita` appellanti fit-tieni aggravju taghha, li tigi kkundannata thallas l-ispejjez fl-ipotesi li hi agixxiet *intra vires*, jekk dak l-eghmil taghha kien pero` xorta wahda leziv tad-dritt fondamentali ta' persuna (fizika jew guridika).

**7.** Il-qofol kollu ta' din il-kawza, anke f'dana l-istadju ta' appell, huwa jekk il-projbizzjoni li l-Union ixxandar fuq it-televizjoni l-avviz (wiehed jista' anke jsejjahlu, kif qed tinsisti l-Awtorita`, "reklam") "ta' xorta politika" (ara t-test fil-paragrafu **2**, *supra*) – u ma hemmx kwistjoni li din il-projbizzjoni tammonta ghal interferenza jew tfixkil fil-liberta` ta' espressjoni – hijiex "ragonevolment gustifikabbli f'socjeta` demokratika"[8] jew "mehtiega

[7] "…u hlief safejn dak il-provvediment jew, skond il-kaz, il-haga maghmula skond l-awtorita` tieghu, tigi murija li ma tkunx ragonevolment gustifikabbli f'socjeta` demokratika." (sottolinear ta' din il-Qorti).
[8] Artikolu 41(2) tal-Kostituzzjoni.

f'socjeta` demokratika"[9]. Issa, ma hemmx dubbju li l-ghan li fix-xandir jigi zgurat, safejn ikun possibbli, li tinzamm "imparzjalita` xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu ghal *policy* pubblika korrenti" kif ukoll "illi l-facilitajiet u l-hin tax-xandir [ikunu] mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti"[10] huwa ghan legittimu li biex jintlahaq l-Awtorita` tax-Xandir tista' tirregola tali xandir u, jekk ikun il-kaz, anke twaqqaf, cioe` zzomm milli jsiru, certi xandiriet. Dan l-ghan huwa rifless fid-dmirijiet (*duties*) li ghandha l-Awtorita` taht is-subartikoli (2) u (4) tal-Artikolu 13 tal-Kap. 350. Dana l-ghan huwa legittimu wkoll fid-dawl ta' dak li jipprovdu kemm l-Artikolu 41(2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni, fis-sens li l-interferenza mehtiega biex jintlahaq l-istess ghan tkun fl-interess tad-drittijiet u libertajiet ta' persuni ohra. Kif tajjeb osservat il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **VGT Verein Gegen Tierfabriken v. Swiztzerland**[11]:

**"The applicant association further maintained that there was no legitimate aim which justified the interference with its rights. The Government submitted that the refusal to broadcast the commercial at issue aimed at enabling the formation of public opinion protected from the pressures of powerful financial groups, while at the same time promoting equal opportunities for the different components of society. The refusal also secured for the press a segment of the advertising market, thus contributing towards its financial autonomy. In the Government's opinion, therefore, the measure was justified "for the protection of the ... rights of others" within the meaning of Article 10 § 2 of the Convention. The Court notes the Federal Council's message to the Swiss Federal Parliament in which it was explained that the prohibition of political advertising in section 18(5) of the Swiss Radio and Television Act served to prevent**

[9] Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni.
[10] Art. 119(1) tal-Kostituzzjoni.
[11] Tieni sezzjoni – 28 ta' Gunju 2001. Ara wkoll, pero` fil-kuntest tar-rispett ghall-opinjonijiet religjuzi ta' l-ohrajn, **Murphy v. Ireland**, deciza mit-Tielet Sezzjoni fl-10 ta' Lulju 2003

**financially powerful groups from obtaining a competitive political advantage. The Federal Court in its judgment of 20 August 1997 considered that the prohibition served, in addition, to ensure the independence of broadcasters, spare the political process from undue commercial influence, provide for a degree of equality of opportunity among the different forces of society and to support the press, which remained free to publish political advertisements. The Court is, therefore, satisfied that the measure aimed at the "protection of the ... rights of others" within the meaning of Article 10 § 2 of the Convention."** [12]

**8.** Pero` jista' jinghad fil-kaz in dizamina li l-projbizzjoni li giet assoggettata ghaliha l-Union kienet gustifikabbli f'socjeta` demokratika jew mehtiega f'tali socjeta`? F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-ewwel Qorti li twegiba hija fin-negattiv. Assumendo – u dan ma jidhirx li gie kontestat – li l-avviz kien jammonta ghal "reklamar" fid-definizzjoni ta' din il-kelma li wiehed isib fl-Artikolu (2) tal-Kap. 350, il-projbizzjoni aprioristika u totali (*blanket prohibition*) li wiehed isib fil-paragrafu 1(f) tat-Tielet Skeda, li wiehed ixandar reklam ta' natura politika hlief bil-beneplacitu tal-Awtorita` ("hlief kif awtorizzat skond skema ta' xandiriet politici approvata mill-Awtorita`…") tikkozza ma' l-element tal-proporzjonalita` li jrid ikun hemm bejn l-ghan legittimu li jrid jintlahaq u l-mezz adoperat ghalhekk. Biex tinzamm l-imparzjalita`, biex ikun hemm bilanc f'xandiriet ta' natura jew b'messagg politiku, biex jigi assigurat li ma jkunx hemm monopolju minn interessi kummercjali li johonqu l-vuci politika ta' haddiehor (ez. ghax ikunu jistghu ihallsu ghal reklami politici meta haddiehor ma jkunx jista') ma hemmx bzonn li kull reklam politiku ikun soggett ghall-*fiat* tal-Awtorita` tax-Xandir. Kien ikun differenti, per ezempju, li kieku rrizulta li f'dan il-kaz min ried ixandar l-avviz jew reklam (il-G.W.U.) kien qed jaghmel kampanja ta' entita` tali li min kellu d-dritt li jsemma' lehnu b'fehma politika kuntrarja difficilment seta' jlahhaq ma' dik il-kampanja jew minhabba finanzi jew ghal

[12] Para. 59-62.

xi raguni ohra. F’dan ir-rigward din il-Qorti ma tistax hlief taghmel taghha l-osservazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza ta’ **VGT Verein Gegen Tierfabriken** ga msemmija:

**“The Court will consequently examine carefully whether the measure in issue was proportionate to the aim pursued. In that regard, it must balance the applicant association’s freedom of expression, on the one hand, with the reasons adduced by the Swiss authorities for the prohibition of political advertising, on the other, namely to protect public opinion from the pressures of powerful financial groups and from undue commercial influence; to provide for a certain equality of opportunity among the different forces of society; to ensure the independence of broadcasters in editorial matters from powerful sponsors; and to support the press. It is true that powerful financial groups can obtain competitive advantages in the area of commercial advertising and may thereby exercise pressure on, and eventually curtail the freedom of, the radio and television stations broadcasting the commercials. Such situations undermine the fundamental role of freedom of expression in a democratic society as enshrined in Article 10 of the Convention, in particular where it serves to impart information and ideas of general interest, which the public is moreover entitled to receive. Such an undertaking cannot be successfully accomplished unless it is grounded in the principle of pluralism of which the State is the ultimate guarantor. This observation is especially valid in relation to audio-visual media, whose programmes are often broadcast very widely (see *Informationsverein Lentia and Others v. Austria (no. 1)*, judgment of 24 November 1993, Series A no. 276, p. 16, § 38). In the present case, the contested measure, namely the prohibition of political advertising as provided in section 18(5) of the Federal Radio and Television Act, was applied only to radio and television broadcasts, and not to other media such as the press. The Federal Court explained in this respect in its judgment of 20 August 1997 that**

**television had a stronger effect on the public on account of its dissemination and immediacy. In the Court's opinion, however, while the domestic authorities may have had valid reasons for this differential treatment, a prohibition of political advertising which applies only to certain media, and not to others, does not appear to be of a particularly pressing nature. Moreover, it has not been argued that the applicant association itself constituted a powerful financial group which, with its proposed commercial, aimed at endangering the independence of the broadcaster; at unduly influencing public opinion or at endangering equality of opportunity among the different forces of society. Indeed, rather than abusing a competitive advantage, all the applicant association intended to do with its commercial was to participate in an ongoing general debate on animal protection and the rearing of animals. The Court cannot exclude that a prohibition of "political advertising" may be compatible with the requirements of Article 10 of the Convention in certain situations. Nevertheless, the reasons must be "relevant" and "sufficient" in respect of the particular interference with the rights under Article 10. In the present case, the Federal Court, in its judgment of 20 August 1997, discussed at length the general reasons which justified a prohibition of "political advertising". In the Court's opinion, however, the domestic authorities have not demonstrated in a "relevant and sufficient" manner why the grounds generally advanced in support of the prohibition of political advertising also served to justify the interference in the particular circumstances of the applicant association's case."** [13]

Tant f'dan il-kaz ma kienx hemm, u ma giex ippruvat anqas li seta' kien hemm, "a pressing social need" ghac-censura preventiva tal-paragrafu 1(f), li addirittura jirrizulta li ebda partit politiku, ebda *union* ohra, ebda korp kostitwit ma lmenta li ried iwiegeb jew jinghata d-dritt tal-*par*

[13] Para. 72-75.

*condicio*. Huwa ghalhekk f'dan is-sens – cioe` li l-projbizzjoni tal-Awtorita` tax-Xandir, ankorke` b'applikazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi ordinarja li kienet cara, ma kienitx wahda proporzjonata – li l-ewwel Qorti gustament irriteniet li l-projbizzjoni f'dan il-kaz partikolari ma kienitx "ragonevolment gustifikabbli f'socjeta` demokratika" ossia ma kienitx "mehtiega f'socjeta` demokratika", tenut kont anke tal-importanza li l-liberta` tal-espressjoni, specjalment f'materja ta' kontroversja politika, ghandha f'pajjiz demokratiku.

**9.** Finalment huwa appena neccessarju jinghad li l-fatt li d-decizjoni tal-Awtorita` ttiehdet meta s-sentenza fil-kaz ta' **VGT Verein Gegen Tierfabriken** kienet ghadha ma nghatatx huwa totalment irrelevanti ghall-fatt ta' jekk oggettivament kienx hemm lezjoni tad-dritt fondamentali tal-Union appellata. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh.

**Decide**

**10.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dina l-istanza jithallsu wkoll mill-Awtorita` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------